MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Numru. 231/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Emanuel Bianchi, iben Alfred u Anna nee` Hayman, imwieled Pieta` nhar il-31.05.1983, residenti 6, Triq Patri Wistin Born, Marsascala ID card nr. 287983M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzia migjuba fil-konfront tal-imputat li giet akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-28 ta' Gunju 2009 u matul l-ahhar xahar qabel dik id-data;

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond

id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga 'msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kif ukoll talli sar recidiv wara sentenza mghotija lilu mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar is-6 ta' Settembru, 2007 mill-Magistrat Dott. S. Demicoli LL.D, liema decizjoni saret definitiva.

c) Kif ukol kiser kundizzjoni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'decizjoni ta' nhar is-27.10.2006 mill-Magistrat Dott. L. Quintano LL.D.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-multa ta' hames mitt euro (€500). Wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 iggib fis-sehh is-sentenza tas-27 ta' Lulju, 2006 mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tikkundanna lill-imputat ghall-multa ta' hames mitt euro (€500) biex b'kollox l-imputat ikolu multa ta' elf euro (€1,000) li tista' tithallas f'rati mensili ta' erbghin euro (€40) il-wahda bl-ewwel pagament mhux aktar tard mill-ahhar ta' Novembru, 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------